



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 9 ta' Ottubru 2012 (12.10)  
(OR. en)

14479/12  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2010/0246(COD)

---

**COMPET 591  
CHIMIE 70  
ENFOPOL 307  
ENV 739  
MI 592  
ENT 229  
UD 239  
CODEC 2276**

**ADDENDUM GĦAN-NOTA PUNT "I"**

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru dok. preċ.:	11990/12 COMPET 478 CHIMIE 56 ENFOPOL 214 ENV 587 MI 461 ENT 163 UD 186 CODEC 1797
Nru prop. Cion:	14376/10 COMPET 272 CHIMIE 33 ENFOPOL 271 ENV 636 MI 348 ENT 127 CODEC 944
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi - Approvazzjoni tat-test ta' artikolu wieħed

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dikjarazzjoni ppreżentata mid-delegazzjoni Bulgara.

## **DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi

Il-Bulgarija tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-importanza li jiġi stabbilit qafas leġislattiv komuni b'regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prekursuri tal-isplussivi, li jimmiraw ukoll sabiex isaż-ħu l-livell ta' sigurtà pubblika u jnaqqsu r-riskju ta' attakki terroristiċi madwar l-Unjoni.

Għalhekk il-Bulgarija ser tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament.

Madankollu, nixtiequ nesprimu d-dispjaċir tagħna li r-Regolament propost ma jilħaqx l-għanijiet tiegħi għal kollox.

Il-Bulgarija temmen li l-mira tar-Regolament kemm fir-rigward tal-funzjonament tas-Suq Intern kif ukoll tal-kwistjonijiet tas-sigurtà, jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod b'reġim aktar faċli.

Għalhekk il-Bulgarija tikkonsidra li l-għażla li toħloq l-anqas piż amministrattiv tkun li ma jkun hemm l-ebda deroga mir-restrizzjonijiet madwar l-UE.